**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 1 ta' Ottubru, 2024**

**Talba Nru: CCT100/24/DS**

**Raisa & Roderick Ellul**

**Vs**

**E' Casa Ltd.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-10 ta' Mejju, 2024 fejn talbu illi s-soċjeta' intimata tirrifondi l-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) fi ħlas ta' sufan illi ma wasalx skont l-ispeċifikazzjonjiet illi ġie ordnat bihom ;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fis-6 ta' Ġunju, 2024;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi l-atturi kkonfermaw il-punti essenzjali tat-talba tagħhom, bl-informazzjoni illi niżżlu fiha, taħt ġurament kif ukoll żiedu xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tagħhom.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti: l-atturi kienu ordnaw sufan bl-isem Icarus li kien jinkorpora *chaise longue* bi *storage facility*, liema *storage facility* kienet tinsab f'dan il-mudell speċifiku f'għamla partikulari, liema ġiet riprodotta diversi drabi f'dokumenti fl-atti. L-atturi kellmu lis-soċjeta' intimata xi ġranet wara li saret il-konsenja sabiex jinfurmaw lill-istess soċjeta' illi s-sufan wasal mingħajr storage u s-soċjeta' intimata, wara li għadda il-ferroagosto, stante illi s-sufan kien ordnat minn Sqallija, ordnat il-mudell bl-istorage għall-atturi. Ir-rapprezentanta tas-soċjeta' intimata tgħid illi dan ġie ordnat f'Settembru, 2023 u wasal f'April, 2024. Meta wasal, jidher illi wasal il-mudell bl-istorage u l-kumpanija kienet ordnat ukoll cover għas-sufan kollu sabiex ma jkunx hemm diskrepanza tal-kulur pero' meta marru bih għand l-atturi huma ma aċċettawhx għaliex qalu illi riedu l-arm rest differenti. Kien hemm ukoll issue b'xi parts illi ma kienux imwaħħlin in-naħa t-tajba pero' din kienet xi ħaġa li setgħet faċilment tiġi rimedjata fuq il-post. Is-soċjeta' intimata, għalkemm ħasset illi dan is-sufan issa kien komplut kif suppost, la l-klijienta uriet ix-xewqa li jkun differenti u cioe' bl-arm rest titla' sabiex ikun hemm aktar storage space, provat tikkuntentiha anki jekk dan il-mudell ma kienx jeżisti u fil-fatt, b'negożjati mal-manifatturi kienu lesti jagħmlu mudell custom made għall-atturi illi pero' fil-frattemp laħqu taw bidu għall-proċeduri li wasslu għall-kawża odjerna. Huma qiegħdin jitolbu l-flus lura tas-sufan filwaqt illi s-soċjeta' attriċi tħoss illi kienu l-atturi illi meta ngħataw is-sufan bix-chaise longue bl-istorage kif ordnat m'aċċettawhx u dan ma kienx tort tagħhom.

It-Tribunal ikkunsidra numru ta' fatturi, fosthom il-fatt illi veru illi kien hemm żball minn naħa tal-manifattur li bagħat il-parti tas-sufan mhux skond l-ispeċifikazzjonijet mitluba pero' f'dak l-istadju l-atturi kienu lesti jistennew li tasal il-parti tas-sufan kif xtaquha huma. Ikkunsidra wkoll illi meta ġiet din il-parti tas-sufan, m'hemm l-ebda prova prodotta mill-atturi li din ma kienetx il-parti li oriġinarjament ordnaw. Huma jgħidu illi kien hemm xi partijiet illi kienu mwaħħlin naħa flok oħra pero' dawn l-affarijiet meta jkollok għamara li tista' tinfetaħ b'żewġ modi huma faċilment rimedjabbli fuq il-post. L-atturi xtaqu *arm rest* titla' sabiex ikun hemm aktar *storage* pero' meta raw is-sufan fix-*showroom* ma kienx hemm sufan bl-*istorage* w'għaldaqstnat il-pretenzjoni tagħhom hija waħda li tissupera dak illi kien rikjest minnhom oriġinarjament.

F'dan l-istadju t-Tribunal huwa moralment konvint illi l-parti tas-sufan kif mibdula kienet korretta u l-atturi m'aċċettawhiex kapriċċiosament għaliex xtaqu aktar *storage space* u mhux għaliex ma kienetx dik illi ordnaw. It-Tribunal ikkunsidra wkoll il-fatt illi s-soċjeta' intimata kienet diliġenti biżżejjed ukoll illi tordna *cover* komplut sabiex is-sufan ikun kollu kulur wieħed anke jekk l-atturi kienu huma stess ilhom jużawh sena. U finalment ikkunsidra wkoll l-offerta oltre li ġeneruża li l-manifattur jimmanifattura dik il-parti tas-sufan preċiżament kif xtaquha l-atturi għalkemm ma tinstab fl-ebda parti mill-katalogu u ma setgħu qatt kienu ordnawha kif pretendew li tiġi.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-atturi hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Ġaladarba ma kienx hemm talbiet ulterjuri dan it-Tribunal mhux ser jippronunzja ruħhu dwar kif għandha tiġi riżolta l-pendenza bejnet il-partijiet u ser jillimita ruħhu biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu fuq dak strettament mitlub minnu pero' jissolleċita l-partijiet sabiex jipprovaw isibu soluzzjoni amikevoli.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provawx il-każ tagħhom suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħhom għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-atturi.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**